TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 415/11/GZ

**Aaron Micallef**

**vs**

**Go plc.**

Illum 22 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn u sebghin Ewro (€270.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal mobile phone, liema mobile phone kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Is-socjeta' ntimata qieghda tirrifjuta illi ssewwi l-'mobile phone' tieghu li huwa kien xtara minghandha, liema 'mobile phone' ghadu taht garanzija. Din hija t-tielet darba illi dan il-'mobile phone' kellu jittiehed ghat-tiswija meta kien ghadu taht garanzija.

L-ewwel darba li l-'mobile phone' in kwistjoni dahal ghat-tiswija kien biss xharejn wara li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, u cioe' fl-24 ta' Awissu 2010. it-tieni darba, dahal ghat-tiswija fid-29 ta' Novembru 2010, fejn dan il-'mobile phone' dejjem issewwa minghajr problemi. Pero', ghal xi raguni, it-tielet darba li l-'mobile phone' ittiehed ghat-

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

tiswija, li kien fl-gheluq is-sena ta' meta nxtara minghand is-socjeta' ntimata, l-imsemmija socjeta' ntimata giet b'hafna problemi biex issewwieh.

L-ahhar darba li dan il-'mobile phone' ittiehed ghat-tiswija kien fid-9 ta' Lulju 2011, u ghadu ma ssewwiex sa llum il-gurnata, ghaliex is-socjeta' ntimata trid twaqqa' il-garanzija ta' sena u xahar li ghad fadal fuq l-istess 'mobile phone', u apparti minn hekk talbet lir-rikorrent sabiex ihallas l-ammont ta' hdax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) sabiex twaqqa' l-garanzija, meta l-garanzija fuq il-'mobile phone' hija ta' sentejn.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-ircevuta datata 15 ta' Gunju 2010, mahruga minghand is-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' mitejn u sebghin Ewro (€270.00); kopja tal-garanzija datata 15 ta' Gunju 2010; flimkien ma' zewg 'equipment forms' datati 24 ta' Awissu 2010 u 9 ta' Lulju 2011 rispettivament.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

'Go Mobile' ma tezistix bhala kumpanija.

Illi barra minn hekk it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kenitx intiza sabiex tixhed fuq il-kawza in kwistjoni.

Is-socjeta' ntimata ezebiet ritratt li gie mmarkat bhala Dok.IZY1; flimkien ma' kopji tal-korrispondenza bejn is-socjeta' ntimat u l-avukat taghha li gew immarkati bhala Dok.IZY2 u Dok.IZY3.

It-Tribunal jinnota illi a bazi ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' ntimata, bi qbil bejn il-partijiet, l-isem ta' l-istess socjeta' ntimata qieghda tigi emedata u sostitwita bl-isem ta' 'Go plc'.

It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li gie miftiehem u vverbalizzat *seduta stante*, fejn is-socjeta' ntimata obbligat ruhha sabiex tezebixxi l-'mobile phone' in kwistjoni li ghadu fil-pussess taghha, flimkien mar-rapport tekniku taghha fejn hija qieghda tallega illi l-'mobile phone' in kwistjoni kien fi stat hazin.

B'referenza ghall-istess verbal, it-Tribunal jinnota illi s-socjeta' ntimata ma pprezentat l-ebda rapport tekniku u lanqas ma pprezentat il-mobile phone' in kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara ll kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-konsiderazzjoni li ma jistax ikun li mobile phone jittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta u xorta jibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur, wara liema nkonvenjenza s-socjeta' ntimata lanqas biss indenjat ruhha tosserva u timxi ma' dak li kienet obbligat ruhha li taghmel quddiem dan it-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata tirritorna lura l-'mobile phone' in kwistjoni lir-rikiorrent bl-istess mezz illi jekk ir-rikorrent ghandu xi 'loan phone' fil-pussess tieghu ghandu jirritornah lura lis-socjeta' ntimata, u qed jordna lis-socjeta' ntimata tipprovdi u taghti mobile phone gdid ta' l-istess ditta lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**